



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0306/2018**

2.10.2018

\*\*\*

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwarf l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir  
(12393/2017 – C8-0176/2018 – 2017/0176(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Emilian Pavel

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## **WERREJ**

## **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	9



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwarf l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir  
(12393/2017 – C8-0176/2018 – 2017/0176(NLE))

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12393/2017),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis dwarf l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12391/2017),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwarf il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0176/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0306/2018),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħi għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan il-ftehim emendantorju dwar l-eżenzjoni mill-viża għas-soġġorni qosra fl-istess ġin jikkostitwixxi il-milja tal-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis, li għandu sinifikat politiku kbir fil-kuntest tal-Ftehim ta' Cotonou. Il-ftehim emendantorju jiżgura koerenza legali, kif ukoll armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, billi jaderixxi mad-definizzjoni l-ġdida ta' soġġorn qasir kif previst mill-emenda tal-Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen, li tippovdi interpretazzjoni aktar ċara ta' "soġġorn qasir".

Il-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis hija membru tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, tal-Assoċjazzjoni tal-Istati tal-Karibew, tal-Komunità tal-Karibew, tal-Moviment Mhux Allineat, tal-Assoċjazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant, tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

St Kitts u Nevis kienet ekonomija li tipproduċi z-zokkor biss sas-sebgħinijiet, meta l-gvern beda jiffavorixxi l-industrijalizzazzjoni fuq skala żgħira. It-turiżmu sar l-akbar sors ta' munita barranija.

Mil-lat politiku, il-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis hija monarkija kostituzzjonali li tagħraf lir-Regina Eliżabetta II bħala kap tal-istat. Ir-Regina hija rappreżentata minn Gvernatur Ġenerali li jaġixxi fuq il-pariri tal-Prim Ministro u l-Kabinett. Il-pajjiż huwa stat federali demokratiku u Sovran, b'Assemblea Nazzjonali unikamerali.

B'mod partikolari, Nevis għandha l-leġiżlatura, il-Prim Ministro u l-amministrazzjoni tagħha stess. Il-leġiżlatura ta' Nevis, l-Assemblea tal-Gżira ta' Nevis, għandha ħames membri eletti b'suffraġju universali tal-adulti u tliet membri nominati. Il-Gvern ċentrali jilleġiżla għal Nevis fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-formazzjoni tal-politiki ġenerali.

Id-djalogu politiku tal-UE mad-diversi pajjiżi tal-AKP u mal-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis, b'mod partikolari, qed iżid gradwalment. Dan il-ftehim jista' jippermettilna nissoktaw is-sħubija tagħna f'qafas ġuridiku ċar. L-emendar tal-eżenzjoni tal-viża ser ikompli jibgħat messaġġ pożittiv ta' appoġġ lil dan il-pajjiż u l-isforzi li qed jagħmel.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jenfasizza l-impatt importanti li l-eżenzjoni mill-viża ser ikollha fuq it-tqarrib bejn il-popli tal-Ewropa u dawk tal-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis. Il-ftehim ġdid ta' eżenzjoni mill-viża sejjer jippermetti li ċ-ċittadini mhux biss igawdu bis-sħiħ mis-sħubija AKP-UE, iżda wkoll li jkomplu jipparteċipaw fiha billi jivvjaġġaw bi prezzi imraħħas, ekonomiku u prattiku f'qafas ġuridiku aktar ċar u koerenti.

F'dan il-kuntest ir-rapporteur jilqa' r-rwol tal-membri tal-Assemblea Parlamentari Konguġta AKP-UE, li kkontribwew bil-kbir għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim li, barra minn hekk, ser jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Konguġta AKP-UE.

### Dispożizzjonijiet speċifiċi

Is-sitwazzjoni partikolari tar-Renju Unit u tal-Irlanda titqies fil-preambolu. Għalhekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex sejrin jipparteċipaw fil-ftehim konkluż u mhumiex suġġetti

għad-dispożizzjonijiet tiegħu.

L-involviment mill-qrib tan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen huwa rifless ukoll fdikjarazzjoni konġunta annessa għall-Ftehim. Id-dikjarazzjoni theggexx lill-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi jikkonkludu mill-aktar fis possibbli ftehimiet bilaterali mal-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soċċorn qasir f'termini simili għal dawk tal-Ftehim preżenti.

\*\*

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament jagħtu l-appoġġ tagħhom lil dan ir-rapport u li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir		
<b>Referenzi</b>	12393/2017 – C8-0176/2018 – COM(2017)0398 – 2017/0176(NLE)		
<b>Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni</b>	30.4.2018		
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 28.5.2018		
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Emilian Pavel 25.9.2017		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.11.2017	20.2.2018	27.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.9.2018		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	33 1 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Caterina Chinnici, Daniel Dalton, Rachida Dati, Tanja Fajon, Ana Gomes, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Kinga Gál, Barbara Kudrycka, Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Péter Niedermüller, Ivari Padar, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Helga Stevens, Csaba Sógor, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Cecilia Wikström, Auke Zijlstra, Sophia in 't Veld		
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlos Coelho, Pál Csáky, Jeroen Lenaers, Innocenzo Leontini, Emilian Pavel, John Procter, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein		
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilhan Kyuchyuk, Georg Mayer, Sabine Verheyen		
<b>Data tat-tressiq</b>	2.10.2018		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>33</b>	<b>+</b>
ALDE	Nathalie Griesbeck, Sophia in 't Veld, Ilhan Kyuchyuk, Cecilia Wikström
ECR	Daniel Dalton, John Procter, Helga Stevens
ENF	Georg Mayer
GUE/NGL	Marie-Christine Vergiat
PPE	Asim Ademov, Carlos Coelho, Pál Csáky, Rachida Dati, Kinga Gál, Barbara Kudrycka, Jeroen Lenaers, Innocenzo Leontini, Csaba Sógor, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Traian Ungureanu, Sabine Verheyen
S&D	Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Ana Gomes, Sylvie Guillaume, Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Péter Niedermüller, Ivari Padar, Emilian Pavel, Birgit Sippel
VERTS/ALE	Judith Sargentini, Bodil Valero

<b>1</b>	-
ENF	Auke Zijlstra

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni